MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Numru 329/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Faiz Omar Elsallak**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra:

Faiz Omar Elsallak ta’ 33 sena bin Omar u Fatima nee’ Furgeni imwieled Benghazi, nhar it-3 ta’ Awissu 1969 u joqghod Marlene, Flt 2, Triq Testaferrata, Msida. Karta ta’ l-identita’ numru 23784(A).

Akkuzat talli fl-20 ta’ April 2003 ghall-habta tad-9.45 pm fil-Furjana:

(a) ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom flus, cwievet u affarijiet ohra minn fuq il-persuna ta' Josephine Borg ta' sittin sena mill-Furjana liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-hin u dan bi ksur tal-artikoli 26 (a)(f); 262(1a); 270 u 276A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lill xi persuna u cioe lill Jospehine Borg kontra l-volonta' taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) U aktar talli fid-data, post u hin fuq imsemmi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Borg kif gie ccertifikat mit-tobba tac-Centru tas-Sahha, Floriana u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenzi datati 15 u 17 ta' Ottubru, 2001 fejn int kont misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xhar f'kull kaz;

(e) U fl-ahharnett talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49,50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivvi u ma jistawx jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u ikkondizzjonata tal-imputat li fiha ippersista anke waqt li l-Qorti taghtu zmien biex jirrifletti.

Wara li rat l-artikoli 261(a)(f), 262(1a), 270, 276(a), 277, 279, 280, 86, 221(1), 31 u 17 tal-Kap 9, artikoli 9 u 10 tal-Kap 152, u l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9.

Tikkundanah ghal sentejn habs li pero’ tiddeciedi li ghandhom jibqaw sospizi ghal 4 snin bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28(a) tal-Kap 9 sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor f’dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat ir-responsabilitajiet lill-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------